



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 24.10.2017
COM(2017) 650 final

ANNEX 4

ANNEX

għal

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT
TAR-REĠJUNI**

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018

Aġenda għal Ewropa aktar magħquda, aktar b'saħħitha u aktar Demokratika

Anness IV: Irtirar¹

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ir-raġunijiet għall-irtirar
L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali			
1.	COM/2017/0150 final 2017/068/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jiffissa r-rata ta' aġġustament prevista fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1306/2013 għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2017	Obsoleta: il-kwistjoni ġiet trattata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1236 tas-7 ta' Lulju 2017.
Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Tassazzjoni u Dwana			
2.	KUMM/2011/737 finali 2011/333/CNS	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid tad-dispożizzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq taxxa fuq il-valur miżjud	Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti ġodda dwar ir-riżorsi proprji fil-proposta komprensiva għall-ipprogrammar finanzjarju pluriennali tal-futur għal wara l-2020. Għalhekk din il-proposta se ssir obsoleta peress li se tiġi sostitwita minn proposti ġodda f'dak il-kuntest.
3.	COM/2014/43 final 2014/0020/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri strutturali li jtejbju r-reżiljenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE	L-ebda ftehim ma hu previst. Ma sarx progress dwar dan il-fajl mill-2015. Barra minn hekk, ir-raġunament tal-istabbiltà finanzjarja tal-proposta sadanittant ġie indirizzat permezz ta' miżuri regolatorji oħra fis-settur bankarju u, fuq kollox, bid-dħul fis-seħħ ta' qafas superviżorju u ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni Bankarja.

¹ Din il-lista tinkludi proposti leġiżlattivi pendenti li l-Kummissjoni biħsiebha tirtira fi żmien sitt xhur (sa April 2018)

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ir-raġunijiet għall-irtirar
Politika dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà			
4.	COM/2003/695 finali CNS 2003/0268	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Komunità Andina u l-pajjiżi membri tagħha, ir-Repubbliki tal-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Perù u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, min-naħa l-oħra	Obsoleta: ma għadhiex fis-seħħ billi ġiet sostitwita mill-Proposta Konġunta JOIN/2016/04 final tat-3 ta' Frar 2016.
5.	COM/2014/360 final 2014/0182/NLE	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni Unjoni Ewropea – Ġeorġja bejn Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġeorġja min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja	Obsoleta: l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ġiet adottata mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' Ġunju 2014 (Ġeorġja ST 10978/14) u ĠU L 261, 30.8.2014.
6.	COM/2014/359 final 2014/0181/NLE	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova	Obsoleta: l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ġiet adottata mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' Ġunju 2014 (Moldova ST 9621/14 (nota punt I/A)).

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ir-raġunijiet għall-irtirar
7.	COM/2013/014 final 2013/0149/NLE	Proposta konġunta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tat-tieni Pjan ta' Azzjoni tal-PEV bejn l-UE u l-Libanu	Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-LIBANU tal-11 ta' Novembru 2016 dwar qbil dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE-Libanu tiddikjara b'mod espliċitu li aktar milli jġeddu l-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV, il-partijiet jadottaw il-Prijoritajiet tas-Sħubija u l-Patt. Il-Proposta Konġunta COM(2013)014 hija għalhekk obsoleta.
Is-Suq Intern, l-Industrija, l-Imprenditorija u l-SMEs			
8.	COM/2012/164 final 2012/82/COD	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL li jssimplifika t-trasferiment tal-vetturi bil-mutur irregjistrati fi Stat Membru ieħor fi ħdan is-Suq Uniku	L-ebda ftehim ma hu previst. Ma sar l-ebda progress dwar il-fajl mill-2012. Il-Kummissjoni se terġa' teżamina din il-kwistjoni, inkluż billi tnedi l-ħidma biex taġġorna l-valutazzjoni tal-impatt.
Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp			
9.	KUMM/2011/0861 finali 2011/0420/NLE	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-UE fil-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton (ICAC)	Obsoleta: fit-18 ta' Mejju 2017 ġiet adottata Deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq proposta aġġornata tal-Kummissjoni (COM/2016/0712 final — 2016/0349 (NLE)).
Ġustizzja, Konsumaturi u Ugwaljanza bejn is-Sessi			
10.	COM/2014/0212 final 2014/0120/COD	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata b'membri uniku	L-irtirar possibbli ssemma fit-tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Kumitat PANA. Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti ġodda dwar il-liġi tal-kumpaniji fl-aħħar trimestru tal-2017 u din il-proposta se tiġi sussegwentement irtirata.

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ir-raġunijiet għall-irtirar
Affarijiet Marittimi u Sajd			
11.	KUMM/2011/0760 finali 2011/0345/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokk ta' aringi li jinsabu fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk	Se ssir obsoleta bit-tfassir propost (ara l-Anness V) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsabu fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk
12.	COM/2013/09 final 2013/0007/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd	Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tippreżenta proposta ġdida dwar reviżjoni sostanzjali tas-Sistema tal-Kontroll tas-Sajd, prevista għall-Q2/2018.
Migrazzjoni, Affarijiet Interni u Ċittadinanza			
13.	COM/2014/163 final 2014/0095/COD	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi viża itineranti u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 562/2006 u (KE) Nru 767/2008	Il-proposta se tiġi rtirata fil-kuntest tal-proposta għal reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi prevista għal Q1/2018.
14.	COM/2014/164 final 2014/0094/COD	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Unjoni dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)	Il-proposta se tiġi rtirata fil-kuntest tal-proposta għal reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi prevista għal Q1/2018.
Trasport			
15.	COM/2013/409 final 2013/0187/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament(KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru	Is-sustanza kienet inkluża fil-proposta l-ġdida li tistabbilixxi l-EASA (COM(2015) 613 final) li issa tinsab fil-proċess inter-interistituzzjonali. Għalhekk din il-proposta ma għadhiex tgħodd.

